

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 529/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Ġunju 2012

li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(3) Fis-26 ta' Ottubru 2007, il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa kkonkludew tali Ftehim dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti tal-azzar ⁽³⁾ ("il-Ftehim").

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

(4) Fit-22 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1342/2007 ⁽⁴⁾ sabiex jimplimenta l-Ftehim.

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

(5) Il-Ftehim jistipula li fil-każ li l-Federazzjoni Russa tissieħeb fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ qabel l-iskadenza tal-Ftehim, il-Ftehim jintemm u, b'konsegwenza ta' dan, ikunu aboliti l-limiti kwantitattivi mid-data tas-sħubija.

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

(6) Fid-data li fiha l-Federazzjoni Russa tissieħeb fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, ir-Regolament għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ma jibqax meħtieġ. Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2007 għandu għalhekk jitħassar b'effett minn dik id-data,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra ⁽²⁾ ("il-FSK") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2007 huwa b'dan imħassar.

(2) L-Artikolu 21(1) tal-FSK jipprevedi li l-kummerċ ta' ċerti prodotti tal-azzar għandu jkun regolat mit-Titolu III tal-FSK, għajr għall-Artikolu 15 tiegħu, u mid-dispożizzjonijiet ta' ftehim dwar arranġamenti kwantitattivi.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 (għadha mhijiex ipubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2012.

⁽²⁾ ĠU L 327, 28.11.1997, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 300, 17.11.2007, p. 52.

⁽⁴⁾ ĠU L 300, 17.11.2007, p. 1.

Huwa għandu jsir effettiv fid-data li fiha l-Federazzjoni Russa tissieħeb fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jindika din id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, it-13 ta' Ġunju 2012.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

N. WAMMEN
